MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2006

Numru 895/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND BORG**

**VS**

**MATTHEW FRENDO**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Matthew Frendo, ta' 30 sena, bin Joseph u Louisa nee' Wright, imwieled tal-Pieta' nhar l-20 ta' Settembru, 1975, residenti gewwa l-fond numru 67, Flat 3, Triq Sidtna tal-Angli, Zebbug, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 57776(M);

a) Akkuzat talli bejn it-2 ta' t-3 ta' April, 2005, gewwa Mdina Road, Qormi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' vettura tal-ghamla *Fiat* bin-numru tar-registrazzjoni

PUP 007, liema hsara tiskorri l-hamsin lira maltin (Lm50.00), izda anqas minn hames mitt lira maltin (Lm500.00), gahd-dannu tas-sid John Coleiro, u dan bi ksur tal-Artikolu 325(1b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta;

b) U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni, u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt u cioe' ikkommetta serq ta' *stereo* minn vettura tal-ghamla *Fiat* bin-numru tar-regitrazzjoni PUP 007 ghad-detriment ta' John Coleiro, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-mezz, u bix-xorta tal-haga misruqa, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mil-volonta' tieghu, u dan bi ksur tal-Artikolu 41 (1a), 263a, 270, 271g tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, fi Mdina Raod, Qormi, ikkommetta serq ta' *stereo* tal-ghamla *Kenwood* minn vettura tal-ghamla *Citreon* bin-numru tar-registrazzjoni LCE 652, ghad-detriment ta' Mark Cini, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa, bi ksur tal-Artikolu 263a, 270, u 271g tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' vettura tal-ghamla *Citreon* bin-numru tar-registrazzjoni, LCE 652, liema hsara ma tiskorrix il-hamsin lira maltin, (Lm50.00), ghad-dannu tas-sid Mark Cini, u dan bi ksur tal-Artikolu 325(1c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e) U aktar tallli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dna sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom, jew imexxiehom u dan bi ksur tal-Artikolu 334a tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

f) U fl-ahhar nett talli nhar it-3 ta' April, 2005, ghall-habta tal-4.30pm, gewwa Haz-Zebbug, kellu f'idu jew fuqu

sikkina ta’ kull xorta li tkun, b’xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, bi ksur tal-Artikolu 13 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li rat id-dokumenti ezebiti;
Wara li semghet ix-xhieda prodotta;
Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat f’dawn l-istadju tal-proceduri, wara li nghata zmien rikjest mill-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi wara li rat l-Artikolu 325(1b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
L-Artikoli 41(1a), 263a, 270, u 271g tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
L-Artikolu 325(1c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
L-Artikolu 334a tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
U kif ukoll l-Artikolu 13 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi mputat Matthew Frendo hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tornda li jitqieghed taht Ordni ta’ *Probation* ghal zmien tlitt (3) snin *ai termini* tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

*Inoltre* din il-Qorti tordna lill-istess imputat ihallas is-somma ta’ Lm200.00 (mitjen lira maltin), lid-derubati f’porzjonijiet, skond ma jindika l-Ufficjal Prosekutur, fi zmien sitt (6) xhur, *ai termini* tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------